# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 18 ta' Gunju, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Mercieca)**
**vs**
**Ivan Bolignani**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ivan Bolignani u detentur tal-karta ta' l-identita' Taljana bin-numru AU 8968495.

Akkuzat talli nhar il-25 ta' Mejju, 2018 f'xi hin filghodu gewwa tas-Sliema volontarjament ghamel hsara fil-propjeta 50, Paolo Scerri, Triq ix-Xatt ta' Tigne, Sliema fejn l-ammont ta' hsara jiskorri l-mitejn u hamsin Euro (€250.00) izda ma' jiskorrix l-elfejn u hames mitt Euro (€2,500) ai termini ta' l-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Semghet it-tratazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

L-imputat ammetta l-mputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat min-naha, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni fi stadju bikri, l-fedina penali netta ta'l-imputat kif ukoll il-fatt  li huwa ikkumpensa lill-parte leza ghall-hsara ikkawzata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artiklu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**